MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 440/2010

***Go plc.***
***C22334***
***Vs***

***Silvia Stanica***
***u Philip Petroni***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici, li biha talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u hamsa u hamsin Ewro u disgha u hamsin centezmu (€855.59) liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' servizz ta' telekommuikazzjoni bl-akkont numru *40093238* skond diversi kontijiet mibghuta lilhom u skond id-dokumenti annessi (prospett ghas-servizz relattiv u ftehim dwar is-servizz telefoniku).

Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ighaddu ghal hlas, izda baqqghu inadempjenti.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali.

Ra r-risposta tal-konvenut Petroni li ecceppixxa illi preliminarjament, it-talba tas-socjeta' attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont li qed jigi reklamat mhux dovut mill-konvenut.

Illi l-konvenut gie msejjah bhala konvenut in solidum ma' Silvia Stanica u dan minhabba li deher ismu fuq "*Ftehim dwar Servizz telefoniku*," ghan-numru tat-telefon *21472649*. Minkejja l-fatt li l-konvenut iffirma dan id-dokument huwa ghamel dan ghaliex dakinhar kien mar jigbor id-"*decoder*."

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-konvenut jeccepixxi ukoll illi mhuwiex ir-*"registered subscriber of the telephone service."*

Illi dakinhar li ffirma l-kuntratt, il-konvenut ma kienx qed jagixxi bhala "*attorney*" tas-*subscriber.*

Illi l-konvenut m'ghandux rapport jew rapprezentanza guridika tal-konvenuta Silvia Stanica, izda semplicement kien mar jigbor id-*decoder* ghaliha.

Ra li l-konvenuta Stanica kienet kontumaci u gie pprezentat kapitolu fil-konfront taghha.

Ra x-xhieda ta' Dr. Ingrid Zammit Young, li kkonfermat li l-ammont kien ghadu dovut. Stqarret ukoll li r-*registered subscriber* kienet il-konvenuta Silvia Stanica fuq in-numru *21472649*. Sussegwentement, tispjega kif kien mar il-konvenut Philip Petroni (I.D.134652) u kien talab li tigi nstallata *television bundle* fuq l-istess linja u kien iffirma, pero' ma kienx car jekk kienx iffirma bhala r-*registered subscriber* jew bhala "*attorney of the registered subscriber"*. Imkien ma' kien hemm il-firma tal-konvenuta Stanica.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Is-socjeta’ attrici qiedgha tippretendi hlas ta’ debitu minghand wiehed mill-konvenuti.

Il-konvenuta Stanica qatt ma pprezentata ruhha ghal dina l-kawza, minkejja li giet debitament notifikata.

Il-konvenut Petroni pprezenta ruhu u eccepixxa illi hu ma kienx debitur fil-konfront tas-socjeta’ attrici, izda kienet il-konvenuta, ghaliex hija kienet ir-*registered subscriber* tas-servizz telefoniku in kwistjoni, li kellu l-kont numru *40093238.*

Ighid li ma kellux xi forma ta’ relazzjoni guridika mal-konvenuta, ma kienx ir-*registered subscriber* u lanqas ma kienx agixxa bhala “attorney” taghha. Kien biss mar sabiex jigbrilha d-*decoder*.
Il-ftehim li gie ffirmat mill-konvenut mas-socjeta’ attrici, kien jirrigwarda *television bundle 5* li skond it-“*Terms and Conditions*,” kien jistipula li :-

***“These terms and conditions apply for Free Digital Set Top Boxes made available to new and existing Go plus subscribers***

***1. In order to be eligible to this offer, customers must:***
***- be a new or existing Go plus Telephony post-paid, fixed line, residential subscriber and,***
***- be a new or existing Go plus Television subscriber.”***

Mill-ftit provi li gew prodotti, li huma ghal kollox fjakki, pero’ t-Tribunal jista’ jistabilixxi fic-cert, li r-“*registered subscriber*” kienet il-konvenuta Stanica. Fil-fatt il-ftehim li nhareg ghal “*Bundle 5*” kien inhareg f’isem Silvia Stanica u hemm ikkonfermat li n-numru tal-kont kien *40093238*.

Huwa minnu li Petroni ffirma dan il-ftehim, u t-Tribunal jaqbel mat-tezi tas-socjeta’ attrici, li mhuwiex car jekk

meta ffirma, kien iffirma bhala *registered subscriber* jew bhala "*attorney*" u aktar minn hekk fir-risposta tieghu, l-konvenut ighid li meta ffirma ma kienx qed jagixxi fl-ebda wahda minn dawn il-kapacitaijiet.

Il-fatto sta, li l-konvenut iffirma dan il-ftehim u l-istess kundizzjonijiet, precisament klawsola 8 tistipula illi "*The persons signing the relevant contract are agreeing that they are responsible or have obtained approval from those responsible for the services in question and are consenting to these terms and conditions*."

Dan ifisser li meta ffirma l-konvenut certament ma setax kien qed japplika fil-kapacita' tieghu bhala *registered subscriber*, ghaliex ma kienx, pero' jidher li kellu l-kunsens tal-konvenuta, li kienet appositament, ir-*registered subscriber*, biex japplika ghal dan is-servizz ta' *Bundle 5* u ghalhekk konsegwentement kien qed jagixxi bhala "*attorney*" taghha, servizz li kien qed joffri biss *free digital set top boxes* mas-servizz li jkunu ghazlu li jgawdu minnu.

Fil-konfront tas-socjeta' attrici, r-*registered subscriber* tibqa' dejjem dik l-persuna responsabbli ghal hlas fil-konfront tas-socjeta' attrici u ghalhekk il-konvenuta Stanica f'dan il-kaz in kwistjoni u dan peress li inizjalment ikun sar ftehim bejn is-*subscriber* u s-socjeta' attrici ghal ghoti ta' servizz telefoniku.

Il-konvenut Petroni agixxa biex jigbor dan id-decoder biss u fuq grad ta' probabilita', t-Tribunal ihoss lil-konvenut kien qieghed jagixxi fil-kapacita' ta' "*attorney*' biss biex jigbor dan id-decoder u mhux biex jidhol responsabbli ukoll ghall-kontijiet pendenti ta' Silva. Hi kienet u baqqghet ir-*registered subscriber* u ghalhekk dik il-persuna li kienet responsabbli ghall-kontijiet fil-konfront tas-socjeta' attrici. Wara kollox il-kliem "***The persons signing the relevant contract are agreeing that they are responsible or have obtained approval from those responsible for the services in question and are consenting to these terms and conditions***" specjalment bl-uzu tal-kelma "*or*" jindika li l-fatt li l-konvenut Petroni iffirma mhux bil-fors ifisser li jkun dahal responsabbli ghal hlas. Kwantu ghall-

konvenuta Stanica mhemmx dubblu li apparti il-kontumacja taghha hija dejjem responsabbli billi hija ir-"*registered subscriber*".

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuta Stanica li effettivament kienet ir-"*registered subscriber*" u dan stante li dina baqqghet kontumaci filwaqt li jichad it-talbiet attrici in kwantu diretti kontra il-konvenut Petroni. L-ispejjez tal-kawza jigu sopportati mill-konvenuta Stanica mentri dawk tal-konvenut Petroni ghandhom jigu sopportati mis-socjeta attrici

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------